MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2002

Numru 172/2001

Il-Pulizija(Spettur Simon Galea
Septtur Dennis TheumavsJason Massa

Il-Qorti,Rat l-akkuzi kontra Jason Massa ta' 25 sena iben il-mejjet Joseph u Nazzarena nee Brincat imwieled Pieta' fl-24 ta' Frar 1975 residenti Catmich Flats Flat 2 Alexander Street, B'Bugia w bin-numru tal-identita' 108875(M) talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda appropja ruhhu billi dawwar bi proft ghalih jew ghal persuna/I ohra, minn diversi somom ta' flus li kumplesswivament jeccedu Lm100 izda huma inqas minn Lm500, liema somom ta' flus kienu jappartjenu lis-socjecta JNM Trading u persumi ohra u li gew fdati lilu minhabba l-professjoni, indusdrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd ta' flus jew li jsir uzu minnhom specifikati u cioe' li jigi

kkonsenjati lis-socjeta' JNM Trading u dan kollu bi ksur tal-artikolu 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba wkoll titratta mal-imputat talli huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 18 ta' Gunju 1992 fejn kien wehel multa ta' Lm500 u sena habs prigunerija sospiza ghal-sentejn.
Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta mill-imputat.

Semghet l-imputat jirregistra ammissjoni fl-udjenza tal-lum.

Semghet it-trattazzjoni dwar piena.

Ikkunsidrat:

L-imputat ammentta volontarjament u inkondizzjonatament l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Il-Qorti ghalhekk sejra tghaddi direttement biex tinfliggi l-piena. F'dan ir-rigward hadet in konsiderazzjoni l-istqarrija tal-imputat u nonostante l-fedina penali tieghu, hi tal-fehma li ghandha tadotta l-Artikolu 9 tal-Kap 152.

Ghalhekk u in vista tal-ammissjoni volontarja w inkondizzjonata tal-imputat u wara li rat l-Artikolu 293, 294, 49, 50 u 31 tal-Kap 9 tiddecidi li tibbilera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Kap 152.

Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenza ta' din is-sentenza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------